

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tat-12 ta' Mejju 2021 – Il-Lussemburgu et vs Il-Kummissjoni**(Kawżi T-516/18 u T-525/18) ⁽¹⁾**

(“Għajjnuna mill-Istat – Għajjnuna implimentata mil-Lussemburgu favur Engie d'État – Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern u illegali u li tordna l-irkupru tagħha – Deċiżjonijiet dwar it-taxxa bil-quddiem (tax rulings) – Riżorsi tal-Istat – Vantaġġ – Effett ikkombinat ta' żewġ miżuri fiskali – Eżenzjoni mid-dħul minn ishma – Tassazzjoni tat-tqassim tal-profitti – Abbuż ta' dritt – Natura selettiva – Qafas ta' riferiment – Konstatazzjoni ta' deroga – Komparabbiltà ta' sitwazzjonijiet – Skema omm-sussidjarja – Grupp ta' kumpanniji – Irkupru – Armonizzazzjoni indiretta – Drittijiet proċedurali – Obbligu ta' motivazzjoni”)

(2021/C 263/21)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent fil-Kawża T-516/18: Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu (rappreżentanti: T. Uri, aġent, assistit minn D. Waelbroeck, avukat)

Rikorrenti fil-Kawża T-525/18: Engie Global LNG Holding Sàrl (Lussemburgu, il-Lussemburgu), Engie Invest International SA (Lussemburgu), Engie, (Courbevoie, Franza) (rappreżentanti: B. Le Bret, M. Struys u C. Rydzynski, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Stromsky u S. Noë, aġenti)

Intervenjent insostenn tal-kovenu fil-Kawża T-516/18: L-Irlanda (rappreżentanti: J. Quaney, M. Browne u A. Joyce, aġenti, assistiti minn P. Gallagher, S. Kingston, SC, u B. Doherty, barrister)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u li tfittex l-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/421 tal-20 ta' Ġunju 2018 dwar għajjnuna mill-Istat SA.44888 (2016/C) (ex 2016/NN) implimentata mil-Lussemburgu favur Engie (ĠU 2019, L 78, p. 1).

Dispożittiv

- 1) Il-Kawżi T-516/18 u T-525/18 huma magħquda għall-finijiet tas-sentenza.
- 2) Ir-rikorsi huma miċħuda.
- 3) Il-Gran Dukat tal-Lussemburgu għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu stess, dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea fil-Kawża T-516/18.
- 4) Engie Global LNG Holding Sàrl, Engie Invest International SA u Engie għandhom ibatu, minbarra l-ispejjeż tagħhom, dawk sostnuti mill-Kummissjoni fil-Każ T-525/18.
- 5) L-Irlanda għandha tbat l-ispejjeż tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 399, 5.11.2018.